MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru. 576/2006

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**KONTRA**

**AUGUSTINE CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Augustine Camilleri ta' 63 sena, bin Oscar u Vienna nee' Mifsud, mwieled Valletta nhar l- 1 ta' Gunju 1945, residenti fil- fond 28, Triq il- Ghajn, Swieqi u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 547845(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer u cioe' fil- perjodu ta' bejn l- 1 ta' April 2003 u il- 31 ta' Awwissu 2004, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) ikkommetta serq ta' kambjala, ghad- detriment ta' Edward Pavia detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 228954(M) u xi persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil- valur;

2) b' mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet folox, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha ta' haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama, jew biza' dwar xi grajja kmierika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm 1,000 bi hsara ta' Edward Pavia detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 228954(M)

3) xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat jew xjentement b' kull mod li jkun indahal jew biegh jew mexxa

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghal imputazzjonijiet ta' serq aggravat, ta' frodi, u ta' ricettazzjoni. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-

segwenti. L-imputat u l-*parte civile*, Edward Pavia, kienu dahlu f’ negozju bejniethom f’xi zmien fl-1997 dwar bejgh ta’ kumpanija u trasferiment ta’ ishma fl-istess kumpanija. Saru deversi skritturi bejniethom sal-2002, u giet ukoll iffirmata kambjala fl-2003 ghal tletin elf Liri maltin favur l-imputat. Din tinsab esebita fl-atti a fol. 23 tal-process. Il-ftehim kien bejn il-partijiet li l-kambjala kellha tinzamm fl-ufficcju tal-avukat ta’ fiducja taghhom, Dr Siegfried Borg Cole, izda gara li din giet fil-pussess tal-imputat u dan ipprova jipprezentaha ghall-hlas meta ghalqet f’ Awwissu 2004. Kien ghalhekk li Pavia ghamel rapport lill-pulizija f’ Lulju tal-2005 u inbdew dawn il-proceduri. Ghalhekk, il-pern tal-kaz kollu huwa l-pussess effettiv tal-kambjala imsemmija f’ idejn l-imputat.

Mill-provi prodotti kemm mil-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza, ma hemmx kontestazzjoni fuq certi fatti. Kien hemm qbil li l-kambjala kellha tibqa’ fil-pussess ta’ Dr Borg Cole, u kien hemm qbil li din b’ xi mod spiccat f’ idejn l-imputat. Li ma hemmx qbil huwa tal-mod kif din giet f’ idejn Augustine Camilleri, u ghalhekk il-prosekuzzjoni ressqitu fuq serq, frodi u ricettazzjoni. Ghalhekk il-Qorti trid tesamina l-provi biex tara jekk irrisultax il-mod kif din il-kambjala giet f’ idejh, u jekk allura jissussistux l-imputazzjonijiet kontra l-imputat, anke jekk in parte.

Sew mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll minn tad-difiza, l-ewwel imputazzjoni assolutament ma tirrisultax. Ma hemm l-ebda prova, diretta jew indizzjarja, li timplika li l-imputat seraq din il-kambjala mill-ufficcju ta’ Dr Borg Cole. Huwa fatt li l-kambjala giet ghand l-imputat, izda ma hemm l-ebda prova li din insterqet mill-ufficcju legali ta’ Dr Borg Cole. Il-prosekuzzjoni ppruvat tibni l-kaz tas-serq fuq supposizzjoni, li l-imputat kellu access liberu ghall-“files” tieghu minn ghand l-avukat Borg Cole, u ghalhekk seta’ facilment jiehu l-kambjala minn hemm u jiehu pussess taghha. Izda prova wahda f’ dan is-sens ma hemmx, u ghalhekk il-Qorti ma tistax toqghod biss fuq suposizzjoni bhal din, minghajr l-anqas prova wahda. L-ebda xhud ma ra lil Camilleri jiehu l-kambjala mill-file kif inghad, jew tal-anqas li intebah bin-nuqqas tal-kambjala hekk kif xi darba kien presenti Camilleri fl-ufficcju tal-avukat. Anzi, l-avukat

Borg Cole fix-xiehda tieghu qal li hu ma jhalli ebda file jigri minghajr ma jkun hemm jew hu jew is-segretarja tieghu presenti, u ghalhekk il-Qorti ma tarax kif l-imputat seta' jiehu document mill-ufficcju legali tal-avukat jekk kien ikun dejjem presenti xi hadd mill-istess ufficcju.

L-uniku xhud li forsi seta' jinkrimina lill-imputat kien Victor Caruana, krieditur ta' Camilleri, li qal li l-imputat kien qallu li b' xi mod kien ser igib kambjala u jurihielu bhala prova li ghandu mezzi biex jithallas il-kreditu tieghu lejh. Bid-dovut rispett, izda, Caruana m'hu xejn kredibbli ghal din il-Qorti. Fix-xhieda tieghu, Caruana jikkontradixxi lilu nnifsu b'dak li jghid fuq l-imputat u fuq il-kambjala. Hu jghid li l-imputat kien qallu li hemm zewg modi kif jiehu din il-kambjala, u cioe' jew li jidhol bil-mohbi fl-ufficcju tal-avukat Borg Cole u jehodha, jew jitlob ghall-file u jissostitwixxi l-kambjala b' kopja taghha stess. Din ix-xiehda wehidha kwazi tikkundanna lill-imputat, kieku l-Qorti temminha bhala vera. Izda mill-assjem tal-provi l-Qorti tara li din hi ghal kollox inverosimili. Ftit qabel ma jaghmel din ir-rivelazzjoni dwar x' kien qallu l-imputat, Caruana xehed li kien ra l-kambjala f' idejn Camilleri u ra li kienet l-istess wahda esebita fil-process mill-ghafsa tal-firma fuqha. Fi kliem iehor, meta l-kambjala giet f' idejh, Caruana induna li dik kienet wahda originali, ghax fi kliemu stess, hu kellu esperjenza ghax kien jahdem f' bank. Dan xehdu fuq mistoqsijiet diretti tal-Qorti stess. Fil-fehma tal-Qorti, dan jikkorrobora dak li l-imputat ighid kemm fix-xiehda tieghu kif ukoll fl-istqarrija tieghu, li hu induna li kellu l-kambjala originali f' idejh ftit qabel ma din immaturat. Ghall-Qorti, kien Caruana stess li gharaf li l-imputat kellu l-originali u mhux kopja, meta dawn iltaqghu u l-imputat urieh dak li minghalih kienet kopja tal-kambjala. Dan jaghmel sens u jinkwadra ruhu preciz ma' dak li jsostni l-imputat. Kien Caruana li gibidlu l-attenzjoni li hu kellu l-original fil-pussess tieghu.

Tant mhux kredibbli Caruana li anke Pavia jikkontradixxih fuq dan il-punt. Meta mistoqsi in kontro-esami mid-difiza dwar iz-zewg modi ta' kif l-imputat seta' jgib il-kambjala, Caruana baqa' jinsisti li ma kienetx kif issuggeriet id-difiza, u cioe' li z-zewg modi kienu dwar kif il-kambjala setghet

tissarraf jew tinbiegh u l-flus imorru biex jithallas Caruana stess. Din tmur direttament kontra dak li xehed Pavia dwar x' intqal lilu minn Caruana, a fol. 52 tal-process, meta jghid li Caruana kien qallu lil Pavia li l-imputat kien qal li l-kambjala tkun tista' tinbiegh anke b'nofs il-valur taghha. Dawn l-inkonsistenzi juru lill-Qorti li kien hemm zgur diskors fuq il-bejgh tal-kambjala bejn Camilleri u Caruana, u juru ukoll li l-imputat ma kienx jaf li kellu l-kambjala originali fil-pussess tieghu, izda li kien Caruana li nduna li l-kambjala kienet originali.

Ghalhekk, l-imputazzjoni ta' serq assolutament ma gietx ippruvata, u maghha ukoll ma gietx ippruvata l-anqas ir-ricettazzjoni, u dan peress illi ma rrisultax li l-kambjala kienet effettivament insterqet mill-ufficcju tal-avukat Borg Cole. Biex tirnexxi l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni, trid tigi ppruvata li l-imputat almenu seta' jissuspetta li l-oggett li gie f' idejh seta' kien misruq. Dan l-element u kompletament nieqes mid-dinamika tal-istorja tal-kaz kollu. Il-Qorti fil-fatt ghandha d-dubji fondati taghha jekk addirittura l-kambjala qatt kienet fil-files fl-ufficcju tal-avukat Borg Cole, izda kienet dejjem – bi zball genwin minn kulhadd – fil-pussess ta' Camilleri mill-ewwel malli giet iffirmata mill-partijiet.

Kwantu ghall-imputazzjoni ta' frodi, din ukoll ma tirrisultax u ma gietx ippruvata. Ma kien hemm l-ebda forma ta' truffa, raggiri jew artifizji li jinducu lill-*parte civile* bhala parti leza titwemmen li ser jintrebah xi gwadann. Mid-dinamika tal-fatti esposti quddiem din il-Qorti, dan ir-reat bl-aktar mod assolut ma jikwadra ruhu mkien. L-elementi essenzjali ta' dan ir-reat huma ghal kollox neqsin mill-kwadru ta' fatti kif graw, u ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni ukoll. Pavia ma giex sgwidat jew indott jifhem li ser jigwadanja xi haga. Anzi n-negozju bejnu u l-imputat kien wiehed li dam tul ta' snin u kien biss bhala forma ta' garanzija jew serhan il-mohh tal-imputat li giet iffirmata dik il-kambjala favor l-istess imputat minn Pavia. Bl-ebda mod ma jista' jinghad li kien hemm xi forma ta' frodi jew ghemil qarrieqi mill-imputat f' dan kollu. Kemm Camilleri kif ukoll Pavia t-tnejn kienu mmexxija mill-

avukat Borg Cole u liberament iffirmaw dik il-kambjala bhala forma ta’ garanzija ghal Camilleri.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat m’huwiex hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u ghandu ghaldaqstant jigi liberat minnhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261 ( c) 267, 279, 280, 281, 18, 308, 309, 310 (1), 334, 17, 23, 31, 289, 532A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------